



Brussell, 29 ta' Ġunju 2020
(OR. en)

9183/20

TRANS 284
FIN 410

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	8875/20
Suġġett:	European Court of Auditors' Special report No 06/2020 "Sustainable Urban Mobility in the EU: No substantial improvement is possible without Member States' commitment" - Council conclusions (26 June 2020)

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rapport Speċjali Nru 06/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri "Mobilità Urbana Sostenibbli fl-UE: Mhuwiex possibbli li jsir titjib sostanzjali mingħajr l-impenn tal-Istati Membri", kif approvati bi proċedura bil-miktub fis-26 ta' Ġunju 2020.

Konklużjonijiet tal-Kunsill
dwar
ir-Rapport Speċjali Nru 06/2020 tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri:
"Mobilità Urbana Sostenibbli fl-UE: Mhuwiex possibbli li jsir titjib sostanzjali mingħajr l-
impenn tal-Istati Membri"

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JIEĦU NOTA tar-Rapport Speċjali Nru 06/2020 mill-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-mobilità urbana sostenibbli.
2. JIRRIMARKA li r-Rapport Speċjali jivvaluta kemm l-appoġġ mogħti mill-UE kien effettiv bħala kontribut biex il-mobilità urbana titjeb b'mod sostenibbli.
3. JAQBEL dwar l-importanza li tittejjeb il-mobilità urbana sostenibbli fl-UE u JIRRIKONOXXI r-rabtiet bejn il-mobilità urbana sostenibbli, it-tnaqqis tat-tniġġis ambjentali, it-tibdil fil-klima, kwalità tal-ħajja aħjar kif ukoll it- tkabbir ekonomiku.
4. JAGĦRAF l-isforzi tal-Kummissjoni biex toħroġ firxa ta' dokumenti ta' politika u gwida dwar il-mobilità urbana.
5. JENFASIZZA li fl-aħħar snin l-ibliet wettqu firxa ta' inizjattivi biex iżidu l-kwalità u l-kwantità tas-servizzi tat-trasport pubbliku.
6. JAGĦRAF, madankollu, li l-emissjonijiet ta' gassijiet b'effett ta' serra minħabba t-trasport bit-triq qed ikomplu jżiedu u JISĦAQ fuq il-ħtieġa ta' sforzi msaħħa fl-approċċ lejn trasport sostenibbli.

7. JIRRIKONOXXI li l-UE għamlet disponibbli ammont sinifikanti ta' fondi b'appoġġ għall-oġettivi tal-politika ta' mobbiltà sostenibbli.
8. JISSOTTOLINJA li l-mobbiltà urbana sostenibbli għandha tibqa' prijorità fil-qafas tal-QFP li jmiss.
9. JISSOTTOLINJA, madankollu, li l-investimenti fl-infrastruttura tat-trasport pubbliku u materjal fuq ir-roti, li għalihom l-UE tista' tipprovdi appoġġ finanzjarju, jeħtieġ li jiġu kkomplementati b'rizersi finanzjarji xierqa fil-livell nazzjonali, reġjonali u dak lokali biex jiġu żgurati l-operat u l-manutenzjoni adegwati tan-network tat-trasport pubbliku.
10. JAQBEL li l-adozzjoni ta' Pjanijiet ta' Mobbiltà Urbana Sostenibbli (SUMP) u l-valutazzjoni esterna tal-kwalità tas-SUMP adottati, li tista' ssir minn awtorità pubblika jekk dan ikun previst mil-leġislazzjoni nazzjonali, jikkontribwixxu għat-titjib tal-aċċessibbiltà taż-żoni urbani u l-mobbiltà sostenibbli lejn, minn u ġewwa ż-żoni urbani funzjonali.
11. JISSOTTOLINJA li sabiex il-mobbiltà urbana fl-UE ssir sostenibbli, hija meħtieġa azzjoni koerenti mill-partijiet ikkonċernati kollha u JIRRIKONOXXI li l-mobbiltà urbana teħtieġ tmexxija politika konsiderevoli, komunikazzjoni u implimentazzjoni konsistenti biex tiġi aċċettata miċ-ċittadini u min-negozji.
12. JAQBEL mal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar il-ħtieġa li tiġi ppubblikata data aħjar dwar il-mobbiltà urbana u dwar is-SUMP fin-nodi urbani tan-network tat-trasport trans-Ewropew, b'mod newtrali, nondiskriminatorju u trasparenti.
13. JAPPELLA lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lill-ibliet biex jużaw il-fondi tal-UE b'mod aktar effettiv u effiċjenti biex jindirizzaw l-isfidi relatati mal-mobbiltà urbana, b'mod partikolari fil-kuntest tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Patt Ekoloġiku.

14. JENFASIZZA li s-sitwazzjoni epidemjoloġika attwali kkawżata mill-COVID-19 tista' tiskoraġġixxi lir-residenti urbani milli jużaw it-trasport pubbliku u għalhekk JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġi promoss b'mod qawwa l-użu tat-trasport pubbliku integrat mal-użu tar-rota u modi sostenibbli oħrajn, f'sistema multimodali, sabiex tinżamm il-fiduċja, titnaqqas il-konġestjoni fit-toroq, tittejjeb is-sikurezza fit-toroq u jinkisbu l-oġettivi tal-iżvilupp sostenibbli.
-